



Ir-Rapport Annwali tal-2010 - Mistoqsijiet li jsiru ta' sikwit

1. Il-kontijiet tal-2010 huma ħżiena?

Le, il-QEA tikkonkludi li l-kontijiet tal-2010 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE u r-riżultati tagħha għas-sena.

2. Xi tfisser ir-rata stmata ta' żball ta' 3,7 %?

Ir-rata stmata ta' żball tal-QEA għall-pagamenti mill-baġit tal-UE għall-2010 fit-totalità tiegħu kienet ta' 3,7 %. Ir-rata ta' żball **mhijiex** stima ta' frodi iżda tirrifletti l-istima tal-QEA tal-grad tan-nuqqas ta' konformità mar-regoli li jirregolaw l-infiq, b'hal ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku, kalkoli ineliġibbli jew skorretti ta' spejjeż iddikjarati għall-proġetti kofinanzjati mill-UE, jew dikjarazzjoni żejda tal-art mill-bdiewa.

3. L-iżbalji jfissru frodi?

Le, proporzjon żgħir ħafna biss ta' żbalji misjuba mill-QEA għandu x'jaqsam ma' frodi. Biex jirċievu l-finanzjament tal-UE, il-benefiċjarji huma meħtieġa jikkonformaw ma' regoli speċifiċi li jirregolaw l-infiq. Il-frodi hija att ta' qerq deliberu biex jinkiseb benefiċċju. Jekk il-QEA għandha raġunijiet biex tissuspetta li seħħet attività frodulenti, hija tirrappurtaha din lill-OLAF, l-uffiċju tal-Unjoni kontra l-frodi. L-OLAF imbagħad jinvestiga u jsegwi kull każ kif meħtieġ.

4. L-Istati Membri għandhom irwol x'jaqdu fit-tnaqqis tal-livell ta' żball?

Iva. Hija r-responsabbiltà ta' dawk li jġestu l-fondi tal-UE biex inaqqsu l-probabbiltà li jseħħu l-iżbalji u li jpoġġu kontrolli fis-seħħ li jimpedixxuhom jew isibuhom u jikkoreġuhom. Għal 80 % tal-infiq tal-UE, il-ġestjoni tal-fondi hija maqsuma bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Madankollu, il-Kummissjoni tħaddan ir-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

5. Ir-riżultati tal-2010 kif jikkumparaw ma' dawk tal-2009?

Ir-rata stmata ta' żball ġenerali żdiedet minn 3,3 % fl-2009 għal 3,7 % fl-2010. Din hija minħabba żieda fir-rata stmata ta' żball għall-pagamenti fil-qasam tal-Koeżjoni, l-enerġija u t-trasport. Għall-oqsma l-oħrajn ta' nfiq tal-UE r-rata stmata ta' żball fir-rigward tal-pagamenti baqgħet relattivament stabbli meta mqabbla ma' dawk tal-2009.

L-ISTAMPERIJA TAL-QEA

12, rue Alcide De Gasperi - L - 1615 Luxembourg

Mobajl (+352) 621 552 314 - Tel.: (+352) 4398 45410

press@eca.europa.eu www.eca.europa.eu